PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2007/0069(CNS)

21.9.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra.
(COM(2007)0190 – C6-0187/2007 – 2007/0069(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: István Szent-Iványi

PA_Legapp

GUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

Ir-rapporteur tiegħek jemmen li l-konklużjoni tal-Ftehima bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina dwar il-konklużjoni ta' Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra, b'mod paralleli mal-ftehima ta' ammissjoni mill-ġdid, turi pass konsiderevoli 'l quddiem fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ENP li hu appoġġjat mill-Kunsill ta' Kooperazzjoni ta' l-UE u l-Ukraina fil-21 ta' Frar 2005 u fl-issodissfar ta' l-objettivi ta' l-iffaċilitar tal-mobilità, tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-promozzjoni ta' programmi ta' skambju, kif indikat fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-tisħiħ tal-Politika Ewropea dwar il-Viċinanza (COM(2006)726).

Il-"pakkett ta' trattat" dwar iż-żewġ ftehimiet huwa ta' benefiċċju kemm għall-UE u kemm għall-Ukraina. Il-ftehima hija t-tieni waħda li ssegwi dik innegozjata mal-Federazzjoni Russa. L-ambitu tagħha huwa usa', u dan jirrifletti kif jixraq l-aġenda ta' koperazzjoni iżjed ambizzjuża li l-partijiet qegħdin isegwu fil-qafas tal-Politika Ewropea dwar il-Viċinanza. Ir-rapporteur tiegħek jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-ftehima dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra tintroduċi skadenzi proċedurali stretti, tistipula miżati tal-viża preferenzjali li jinkludu eżenzjoni sħiħa mill-ħlas tal-miżati tal-viża għal ċerti kategoriji ta' nies (eżempju, qraba viċini, studenti, ġurnalisti, tfal, pensjonanti u persuni li jipparteċipaw fi programmi ta' skambji kulturali u edukattivi u f'avvenimenti sportivi), u tipprovdi għal proċedura simplifikata f'numru ta' każi. Il-ftehima tinkludi wkoll referenza għall-introduzzjoni ta' reġim ta' vvjaġġar ħieles mill-viża għaċ-ċittadini ta' l-Ukraina bħala perspettiva fit-terminu t-twil. Ir-rapporteur tiegħek huwa tal-fehma li f'dan il-qafas tal-ftehima mtejba l-ġdida, li issa qiegħda tiġi negozjata ma' l-Ukraina, jeħtieġ li jkun hemm pjan direzzjonali lejn l-iffaċilitar tal-viża għal gruppi usa' tas-soċjetà ta' l-Ukraina, u li fiż-żmien fit-tul, għandu jkun previst ukoll pjan direzzjonali għal reġim ta' vvjaġġar ħieles mill-viża.

Ir-rapporteur tiegħek jistieden liż-żewġ partijiet biex jirratifikaw iż-żewġ ftehimiet bla dewmien bla dewmien sabiex dawn ikunu jistgħu jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.

Ir-rapporteur tiegħek jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-31 ta' Marzu 2005 l-President Yuschenko ffirma d-digriet "Dwar l-Introduzzjoni Temporanja tar-Reġim Ħieles mill-Viża għaċ-Ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera". Id-digriet stabbilixxa reġim ħieles mill-viża ta' dħul għall-25 Stat Membru ta' l-UE u l-Konfederazzjoni Svizzera. Fil-forma preżenti tiegħu, ir-reġim ħieles mill-viża huwa estiż għal perjodu bla limiti u huwa introdott ukoll għaċ-ċittadini ta' l-Iżlanda u tan-Norveġja. Madankollu dan ma japplikax għaċ-ċittadini tal-Bulgarija u tar-Rumanija. Filwaqt li jirrikonoxxi li r-reġim ħieles mill-viża introdott mill-Ukraina huwa ġest unilaterali ta' rieda tajba u li, skond il-prinċipju tar-reċiproċità, l-estensjoni awtomatika tiegħu għall-Istati Membri ta' l-UE li ssieħbu wara l-introduzzjoni tiegħu mhix obbligatorja, ir-rapporteur bix-xieraq jinsisti li jiġu inklużi l-Bulgarija u r-Rumanija fir-reġim ħieles mill-viża, biex b'hekk jiġi żgurat trattament ugwali għall-Istati Membri kollha ta' l-UE. Tali estensjoni għandha tikkontribwixxi għal proċess ta' ratifikazzjoni bla dewmien taż-żewġ ftehimiet kif ukoll tagħti spinta ġdida lin-negozjati kurrenti dwar ftehima ta' koperazzjoni mtejjba bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina.

Ir-rapporteur tiegħek jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-gvernijiet ta' l-Ungerija, tal-Polonja, tar-Rumanija u tas-Slovakkja ddikkjaraw ir-rieda tagħhom li jidħlu f'negozjati ta' ftehimiet bilaterali ma' l-Ukraina għall-fini li jimplimentaw ir-reġim tat-traffiku lokali tal-fruntiera li twaqqaf mir-Regolament (KE) 1931/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Ir-rapporteur tiegħek huwa tal-fehma li l-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-ftehim hija importanti ħafna, u jistieden lill-Kumitat Konġunt għall-ġestjoni tal-Ftehima biex jimmonitorjaha mill-qrib. Ir-rapporteur tiegħek jistenna wkoll li l-Kummissjoni Ewropea tgħarraf b'mod regolari lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-ftehima, li tikkonsulta miegħu qabel ma tissuġġerixxi xi emendi jew żidiet u li tikkunsidra kif jixraq is-suġġerimenti ta' emendi mill-Parlament Ewropew.

******

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jipproponi l-approvazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

PROCEDURA

Titolu	Ftehima bejn il-KE u l-Ukraina dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra
Referenzi	COM(2007)0190 - C6-0187/2007 - 2007/0069(CNS)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni ta' Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 21.6.2007
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	István Szent-Iványi 5.6.2007
Eżami fil-kumitat	12.9.2007
Data ta' l-adozzjoni	12.9.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 39 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Christopher Beazley, Monika Beňová, Cristian Silviu Buşoi, Véronique De Keyser, Alfred Gomolka, Klaus Hänsch, Anna Ibrisagic, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Helmut Kuhne, Vytautas Landsbergis, Francisco José Millán Mon, Raimon Obiols i Germà, Vural Öger, Justas Vincas Paleckis, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, João de Deus Pinheiro, Hubert Pirker, Samuli Pohjamo, Michel Rocard, Libor Rouček, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jacek Saryusz-Wolski, György Schöpflin, István Szent-Iványi, Antonio Tajani, Charles Tannock, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Josef Zieleniec
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Milan Horáček, Gisela Kallenbach, Tunne Kelam, Jaromír Kohlíček, Doris Pack, Aloyzas Sakalas, Adrian Severin, Csaba Sándor Tabajdi